Patri Accursio Xerri, O.F.M.: "L-IMSALLAB" — Taħdita li saret il-Furjana, meta nġieb ġura minn Għawdex il-Kurċifiss mirakuluż meqjum fil-knisja tal-Patrijiet Minuri, il-Belt.

Patri Accursio Xerri, O.F.M.: Tifkira tal-mewt għażiża tal-għaref u qaddis Ġenerali tal-Minuri: "REV. P. LEONARDO BELLO".

Dawn iż-żewġ kotba ta' l-istess kittieb, fraħna bihom mhux biss għaliex jitħaddtu fuq suġġetti li jinteressaw 'il kulħadd; imma żjed u iżjed għaliex rajna fihom stil ġdid fil-kitba tal-prietki Maltin. Kienu l-prietki bil-Malti li żammew dan l-ilsien ħaj fl-imgħoddi, meta anqas ħadd ma Dawn iż-żewġ kotba ta' l-istess kittieb fraħna bihom mhux biss għakien joħlom jikteb xejn b'-Malti; imma f'dawn l-aħħar snin, meta l-Malti beda jieħu xejra oħra, tnisslet ix-xewqa li jsir xi progress fil-kitba talprietki, sew għal dak li hu stil u kostruzzjoni, li mhux dejjem kienu jkunu tajbin biżżejjed.

F'dawn iż-żewġ kotba jidher ċar li dawn in-nuqqasijiet ma jfixklux li' min irid jikteb tajjeb. Imma mhux dan biss laqatna fihom; laqtitna r-rabta li għaraf jagħmel dan l-oratur bein it-tewmmin nisrani ta' Malta u l-ilsien Malti bħala tifsira ta' l-individwalità tagħna bħala Maltin Insara. Għalhekk fit-test insibu siltiet mill-poeżiji ta' Dun Karm flimkien ma' oħrajn minn Ċiċerun u mis Salm', jew minn Seneca u Ktieb Tobija.

Hu sinjal tajjeb li dan qegħdin rarawh il-lum meta Malta bħal stenbhet u bdiet temmen fiha nfisha. Għax trid tkun mistenbha Malta b'ex taqbad it-tiq li Patri Xerri juriha bis-saħħa tal-kelma qawwija tiegħu.

"Minn fuq l-irdumijiet ta' knejjes u tad-diar tiegħek imġarrfa; minn fuq il-qabar ta' tant uliedek li ħesrem ġew maħsuda mill-minġel tal-qerda, jiena nsejjaħlek, o Malta tiegħi, għal dmirijietek, insejjaħlek biex, kif għadu l-waqt, tingħabar fuq il-quċċata tal-Kalvarju, henm fejn tinsab imxerrda l-qawwa ta' saltnatek, hemm fejn titlewwen il-qawsalla tal-Paċi, Ġesù Msallab." (L-Imsallab p. 2).

L'l Patri Accursio nifirħulu u nqawwulu qalbu biex iseħħ jagħni l-Kitba Maltija bl-istil merfugħ tiegħu.

G. C. P.

R. I. P.

B'għafsa ta' qalb inħabbru l-mewt tas Sinjura **MARIJA GALEA,** omm it-Tabib Kav. Ġużè Galea, D.P.H., il-President tal-Għaqda tagħna. Mietet ir-Rabat fis-26 ta' Frar, wara li għaxet ħajja twila ta' 79 sena. Kienet mara ta' drawwiet qodma, imma għolja u sbieħ — imżejna bid-doti kollha ta' mara tad-dar, mara ta' ruħ nisranija li fiha kien jidd' bil-qawwa tiegħu d-dawl tat-tjubija, tal-ġabra u tal-għaqal, li kien j'tfi t-tlellix tal-frugħat tal-mara ta' dan iż-żmien. F'din id-dinja l-Bambin taha x-xorti li bit-torbija tajba ta' binha l-għażiż tithenna bil-frott għażiż tal-ħidma tagħha bħala mara u omm li wara li tilfet lil żewġha fih sabet fl-aħħar ta' ħajjitha l-akbar faraġ li omm j'sta' jkollha f'din id-dinja. Aħna li kellna kemm-il darba x-xorti li nkellmuha tgħaxxaqna b'dan il-mudell ħekk sabiħ ta' mara u omm tad-dar!

Lil binha, it-Tabib Ġużè Galea, u lill-familja tiegħu, nagħtu minn qalbna l-għomor tagħna u nitolbu li Alla jagħti lil ommu l-għażiża l-Mistrieħ ta' Dejjem u lilu l-faraġ fil-ħsieb li eni tad-Dawl ta' dejjem li bih ommu qiegħda tithenna f'dik il-Ħajja ta' Mħabba li ma tmut qatt u li fiha l-erwieħ it-tajba għad jintgħaqdu flimkien għal dejjem, f'hena li din id-dinja ma tista' tagħti qatt.

a. ċ.